MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 914/2011

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Sacha James, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Novembru, 1989, karta ta’ l-identita numru 509089(M)
u
Carlo Debono, iben Charles, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Ottubru, 1996, karta ta’ l-identita numru 49596(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-10 ta’ Awwissu, 2011, għal ħabta ta’ 0030 ta’ fil-għodu, ġewwa Triq il-Ferrovija, Ħamrun u f’bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. inġurjaw, jew heddew, jew għamlu offiża fuq il-persuna/i ta’ wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u dan lil PC476 Shaun Paul Friggieri, PC275 Thomas Dimech u PC765 Paul Vella Cassia, waqt li kienu

qed jagħmlu jew minħabba li jkun għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i nkarigata/i skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;

3. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paċi publika b’għajjat;

lil **Carlo Debono**, waħdu:

4. talli kkaġuna ferita ta’ natura ħafifa fuq il-persuni ta’ PC476 Shaun Paul Friggieri, PC275 Thomas Dimech, PC765 Paul Vella Cassia kif iċċertifikaw Dr. Valerio Vella Catalano M.D. u Dr. S. Saliba M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Floriana rispettivament;

5. talli volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, unifromi tal-pulizija għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u il-Gvern ta’ Malta, liema ħsara ma tiskorriex it-€23.29;

lil **Sacha James**, waħdu:

6. talli saq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni BPS791 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtoria’ tat-Trasport Malta, taħt il-kategorija speċifikata biex isuq l-imsemmi mutur;

7. talli saq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni BPS 791 mingħajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni dwar riskji ta’ terzi persuni;

8. talli ġarr persuna fuq il-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni BPS 791 mngħajr ma kien liebes ‘crash helmet’;

9. talli sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta’ Ġunju, 2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tordna lil Sacha James li jiġi skwalifkat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ żmien ta’ tnax il-xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti dwar Sacha James l-unika prova tirrigwarda il-ksur tal-paċi u bon ordni. Fil-konfront ta’ Carlo Debono l-akkużi kollha ġew pruvati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Sacha James** ħati tal-ewwel, tat-tieni u tas-sitt sa disa’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ sittin euro (€60). Issib lil **Carlo Debono** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 325(1)(d) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ erbgħin euro (€40).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------